Il-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-30 ta' Jannar 2025**

**Kump. Nru. 63/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Sammut)**

**Versus**

**Muhammed Abdi**
**(9004304A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Muhammed Abdi** detentur tal-karta tal-identita' numru 9004304A;

Akkużat talli nhar il-11 ta' Jannar 2025, nhar it-13 ta' Jannar 2025, u l-15 ta' Jannar 2025 f'Ħal Qormi u/jew postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin.

1. Nhar il-11 ta' Jannar 2025, nhar it-tlettax ta' Jannar 2025, u nhar il-ħmistax ta' Jannar 2025) mingħajr skuża raġonevoli kiser ordni ta' trażżin imposta fuqu nhar it-tmienja ta' Jannar 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dott. Simone Grech.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

3. U aktar talli nhar it-tlettax ta' Jannar 2025, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Cedric Attard, biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mil-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, f'xi post pubbliku immolesta linnies biex jittallab il-karità;

5. U aktar talli nhar il-15 ta' Jannar 2025 ġewwa l-Floriana Health Centre, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni ta' Spettur John Sammut, PC2233 Emman Azzopardi, u PC377 Miguel Micallef, it-tlieta persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qiegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuq l-iSpettur John Sammut, PC2233 Emman Azzopardi, u PC377 Miguel Micallef kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat bil-liġi;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta l-imsemmija reati waqt-il perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi għal żmien erbgha snin mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, nhar it-tmienja ta' Jannar 2025

8. Ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif mogħtija nhar it-tmienja ta' Jannar, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dott. Simone Grech, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

9. U finalment talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ;

10. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu; Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tieħu in konnessjoni l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tinħareġ protection order għas-sigurtà ta' l-iSpettur John Sammut, PC2233 Eman Azzopardi, u PC377 Miguel Micallef.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' l-iSpettur John Sammut, PC2233 Eman Azzopardi, u PC377 Miguel Micallef skont l-Artikolu 383, 384, 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti kollha preżentati fl-atti proċesswali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u ċioe' wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Illi l-imputat reġa' tenna ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tiegħu, l-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 28A, 28B(1), 31, 49, 50, 95, 251(3), 289, 338(w)(x)(dd) u 382A tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u Regolament 4(e) ta' Skeda 1 tal-A.L. 344 tat-2005 tal-Liġijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Muhammed Abdi ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontrih u qed tikkundannah għal tlett (3) snin priġunerija effettiva kif ukoll għall-ħlas ta' multa għas-somma ta' elfejn Euro (€2,000).**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li l-piena ta' sentejn (2) priġunerija li ġew sospiżi għal**

**erbgħa (4) snin, permezz tas-sentenza 'Pulizija vs Muhammed Abdi' datata 8 ta' Jannar 2025, (per Maġistrat Dr Simone Grech) għandha tibda isseħħ.**

In oltre l-Qorti qiegħda tqiegħed lill-ħati **Muhammed Abdi** taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jingħata l-għajnuna psikjatrika u psikoloġika neċessarja kif ukoll kull għajnuna oħra li jista' jkollu bżonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija mogħtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tiegħu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jista' jiġi rrakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' **tliet (3) snin millum** u li hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 382A tal-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-ħati **Muhammed Abdi b'Ordni ta' Trażżin** għal żmien **tlett (3) snin mit-tmiem ta' l-inkarċerazzjoni tiegħu**, għall-**protezzjoni ta' l-iSpettur John Sammut, PC 2233 Emman Azzopardi u PC 377 Miguel Micallef**. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Trażżin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti tagħti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* **l-iSpettur John Sammut, PC 2233 Emman Azzopardi u PC 377 Miguel Micallef ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,** fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss li tali talba hija ġustifikata u qiegħda torbot lill-imputat **Muhammed Abdi** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) għal żmien sena mit-tmiem ta' l-inkarċerazzjoni tiegħu,** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jinġurjax lill-*parte civile* **l-iSpettur John Sammut, PC 2233 Emman Azzopardi u PC 377 Miguel Micallef.**

Illi **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemmx spejjeż x'jitħallsu mill-imputat fil-każ odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole kif ukoll lis-CEO ta' l-Aġenzija tal-Qorti u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Maġistrat**